**29 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Joseph Cachia

*versus*

Carmelo Conti

**Danni — responsabiltà għall- — Kolliżjoni — Karozza — Pedestrian — Kontributorjetà — Veloċità eċċessiva.**

*Il-kontributorjetà għar-responsabiltà għal danni kawżati f'inċident stradali trid toħroġ mir-responsabiltà tal-parti għal dak l-inċident stess, u ma tistax tiġi bażata fuq il-fatt li d-danni kienu ikbar minn dawk li kienu altrimenti jkunu minħabba xa aġir ta' dik il-parti, ħlas sewqan eċċessiv.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut waqt li kien isuq motor car, numru 2612, b'imprudenza, negliġenza, nuqqas ta' ħsieb u għax ma osservax ir-regolamenti, laqtu u kkaġunalu leżjonijiet personali ta' natura gravi, bil-konsegwenza li sofra danni konsistenti f'damnum emergens" u "lucrum cessans", kif jiġi provat fittrattazzjoni tal-kawża, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni fuq imsemmija u konsegwentement ikun kundannat iħallsu s-somma li tiġi likwidata okkorrendo permezz ta' periti li jiġu nominati, bħala danni minnu sofferti konsistenti f'danni attwali u telf ta' qliegħ, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-disa' (9) ta' Novembru, 1959, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li l-inċident in kwistjoni kien dovut unikament għall-fatt li l-attur ħareġ jiġri sparat minn ġewwa ħanut u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atti u n-nota tax-xhieda tal-kon-

tendenti;

Rat id-digriet tal-ħdax (11) ta' Jannar, 1960, li bih ġie nominat perit legali biex jirrelata jekk il-konvenut hux responsabbli tad-danni allegati fiċ-ċitazzjoni u f'każ affermattiv, jillikwida d-danni dovuti mill-konvenut u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali li ġiet preżentata fl-għoxrin (20) ta' Novembru, 1962, u maħlufa fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1963, u l-verbali tas-seduti miżmuma kif ukoll id-dokumenti preżentati mal-istess Perizja.

Rat in-nota tal-konvenut tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 1963, li biha talab in-nomina ta' periti addizzjonali peress li ħassu aggravat bil-konklużżjonijiet tal-Perit.

Rat il-verbal tat-tmienja (8) ta' Marzu, 1963, minfejn jirriżulta li in vista ta' l-atteġġjament tal-kontendenti dwar il-perizja, ġie ordnat li dawn jagħmlu nota ta' kritika dwar ir-responsabilità ta' l-inċident.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti preżentati dik ta' l-attur fis-sittax (16) ta' Mejju, 1963, u dik tal-konvenut fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju, 1963;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat il-provi li nġiebu u semgħet it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-verbal ġa riferit, tat-tmienja (8) ta' Marzu, 1963, il-kwistjoni li għandha tiġi deċiża l-ewwel hija

dik rigwardanti r-responsabilità, salva ċioè dik tal-quantum tad-danni fi stadju ulterjuri, dana naturalment jiġri kemm-il darba jiġi ritenut li l-konvenut hu responsabbli f'xi miżura billi differentement ma jkunx hemm lok għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.

Illi l-perit ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni li l-kontendenti t-tnejn huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza ta' l-inċident stradali msemmi fiċ-ċitazzjoni, u ssottometta, wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha, li l-grad ta' responsabilità għandu jitqies ugwali fl-attur u fil-konvenut. Jiġi però preċiżat li fil-waqt li r-responsabilità tal-attur ġiet misjuba teżisti b'riferenza għall-inċident fis-sens li huwa "fornixxa" l-kawża prinċipali jekk mhux **unika biex ġara l-investiment"** ir-responsabilità tal-konvenut ġiet misjuba teżisti b'riferenza għad-danni kawżati mill-istess investiment fis-sens li huwa "kkontribwixxa **biex l-effetti dannusi** tal-investiment **aggravaw ruħhom,"** it-tipi grassi hu tal-Qrati.

Illi l-attur fin-nota tiegħu semma li s-sewqan tal-konvenut kien eċċessiv u perikoluż u kien imħabba f'dan li hu stess ma kellux l-opportunità li jara l-karozza tal-konvenut ġejja b'mod li kienet tiġi evitata għal kollox id-disgrazzja. Da parti tiegħu l-konvenut qal li ma ġiex provat li s-sewqan tiegħu kien eċċessiv, u li, anke kieku dan kellu jiġi ammess għall-grazzja ta' l-argument, l-istess ma kkontribwix biex jiġri l-inċident, u kwindi hu m'għandux iħallas ta' ebda danni billi hi faċili d-deduzzjoni tal-perit; kieku li speed tal-konvenut kien anqas id-danni sofferti kienu neċessarjament ikun anqas gravi; dina d-deduzzjoni hi bażata fuq konġetturi u mhux fuq xi prova li saret, subordinatament il-konvenut qal li l-proporzjon ta' responsabilità suġġerita mill-perit mhijiex suġġerita mill-fatti li jirriżultaw u li jixħtu l-istess responsabilità iżjed fuq l-attur milli fuqu stess.

Illi mill-provi akkwiżiti jirriżulta aċċertat li fid-disa' u għoxrin (29) ta' Novembru, 1958, għal xi 9.45 p.m., l-attur li kien ma' martu fl-istage ta' St. Joseph's High Road, Hamrun, quddiem kważi Farsons Street, jistenna karozza tal-linja biex jiġu lejn il-Belt, qasam it-triq biex imur jixtri s-sigaretti minn ħanut fuq in-naħa l-oħra tat-triq; fuq dika n-naħa (i.e. tal-ħanut), kien hemm karozza tal-linja wieqfa, b'mod li kienet tneħħi l-viżwali tat-triq mid-direzzjoni tal-Belt lil min joħroġ mill-ħanut u l-attur, li ħareġ aktarx jgħaġġel, jekk mhux jiġri, mill-ħanut ġie investit in-naħa ta' nofs it-triq mill-konvenut li kien ġej isuq proprju min-naħa tal-Belt; it-triq kienet mxarrba u tiżloq; il-konvenut kellu l-fanali mixgħulin u applika l-brakes però mħabba l-kondizzjoni ta' l-art il-karozza skiddjat ħalliet brake jew tyre marks, intermittenti għall-distanza ta' qiesu 120 pied u waqfet tħares lejn il-Belt, minn fejn kienet qabel ġejja, wara li ħabtet ma' bieb. Ma rriżultax preċiż id-distanza bejn l-attur u l-karozza tal-konvenut meta l-attur ħareġ minn wara x-charabanc, iżda rriżulta li dina kienet bil-fors żgħira b'mod li ż-żmien bejn li l-konvenut ra lill-attur sakemm laqtu kien ukoll fil-kors qasir.

Illi minn qari tal-perizja jidher li l-opinjoni tal-perit, li sema' l-provi, aktar tinklina lejn il-veduta li l-attur kien il-kaġun uniku ta' l-inċident, "ut sic" mingħajr ċioè ma' kkontribwixxa għalih ukoll il-konvenut, għalkemm dan ma jingħadx espressament, il-Qorti taqbel ma' din il-veduta però żżid tgħid dak li ma qalx il-perit fis-sens li fiċ-ċirkostanzi riżultati huwa l-attur li għandu jiġi ritenut responsabbli għall-inċident, billi kien hu li ħareġ fit-triq mingħajr ma ħa l-prekawzjoni biex jara kienx ġej xi traffiku u ħareġ b'mod li l-konvenut ma setax jevitah u dan anke kieku kellu jiġi ritenut li l-konvenut kien għaddej anqas mill-veloċità regolamentari: dwar dina l-veloċità, imbagħad, għandu jiġi osservat li din ma tiddeterminax ukoll neċessarjament ir-responsabilità ċivili jekk jiġri xi ħaġa billi l-istess veloċità f'ċerti każi tista' wkoll tkun eċċessiva

mentri f'każi oħrajn, anke jekk eċċeduta tista' ma tkunx li hi tikkawża l-inċident. Huwa veru, per eżempju, li fil-każ preżent la darba t-triq, kienet imxarrba, allura wieħed irid joqgħod iżjed attent meta jsuq, u hekk dina l-veloċità segħtet kienet imprudenti; dan l-istat tat-triq, imbagħad, ifisser ukoll li min ried jaqsam it-triq bir-riġel ried juża hu wkoll iżjed attenzjoni għax ir-riskju tat-traffiku kien akbar. Taħt iċ-ċirkostanzi riżultati, veloċità moderata, anke anqas minn dik regolamentari, kienet tirrendi mpossibbli li jiġi evitat l-investiment tal-attur mill-konvenut, dan kien ħa l-prekawzjoni li jkollu dawl sew li, invista tal-ħin ta' l-inċident, kien l-iżjed mod indikat biex juri l-preżenza tiegħu, u ma seta' jagħmel xejn iżjed milli għamel meta sab lill-attur quddiemu ħabta u sabta u anqas ma kien jista' jevitah kieku kien għaddej moderat; kienet il-preżenza ta' l-attur fit-triq fejn kien u l-manjiera li nstab hemmhekk li ddeterminaw l-investiment tiegħu bla ebda ħtija da parti tal-konvenut.

Illi stabilita hekk ir-responsabilità ta' l-attur waħdu biex ġara l-inċident li fih hu stess sofra danni, hu l-każ li tiġi nvestita l-kwistjoni l-oħra posta u soluta mill-Perit fis-sens li l-konvenut għandu dejjem jikkontribwixxi għal dawna d-danni peress li dawn, skond il-perit, kienu jkunu iżgħar li kieku l-konvenut ma kienx għaddej bil-veloċità li kien għaddej.

Illi kwantu għall-dina l-veloċità ma jistax jingħad li mill-provi din tista' tiġi stabbilita b'mod ċert billi l-konvenut stess semma veloċità fil-limiti regolamentari mentri li xhieda estranei, li però kienu weqfin, semmew veloċità akbar; mid-distanza però li l-konvenut baqa' sejjer wara l-inċident u l-mod kif waqaf wara dina d-distanza, jista' wieħed igħid li s-sewqan tal-konvenut ma kienx prudenti taħt iċ-ċirkostanzi u dawn kienu jissuġġerixxu veloċità iżgħar. Għalkemm però dan għandu u qiegħed jiġi ammes, ma' jistax jiġi egwalment ammess li d-danni riportati mill-attur fuq il-persuna tiegħu kienu

neċessarjament ikunu iżgħar minn dawk li rriporta kieku l-veloċità tal-konvenut kienet iżgħar, ċertament ebda prova ma saret fir-rigward u hu magħruf li jista' jiġri, f'materja ta' kolliżjoni li b'daqqa pjuttost kbira l-vittma titneħħa mit-trajjetorju tal-karozza u hekk il-leżżjonijiet ikunu iżgħar milli kieku b'daqqa iżgħar il-vittma taqa' biss quddiem il-karozza u tgħaddi rota min fuqha; peress li hawn wieħed jidħol fil-kamp tal-konġettura, hu iżjed xieraq u sew li d-danni jitqiesu kif attwalment riportati u l-kontribuzzjoni għall-istess tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkostanzi li kienu l-vera kawża ta' l-inċident (huwa stess kawża tad-danni li saru) milli fid-dawl ta' ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jew ma jistgħux jinfluwixxu fuq l-entità ta' l-istess danni, konsiderati fihom infushom, bla ebda riferenza għall-inċident stess. Fil-każ preżenti għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li la darba l-konvenut ma kkontribwix biex jiġri l-inċident, huwa m'għandux jirrispondi għall-ebda parti mid-danni sofferti, mill-attur, kawża unika ta' l-inċident, liema danni, fl-interezza tagħhom hu missu u seta' evita: il-Qorti, ma tarax konnessjoni bejn il-possibbli ħtija tal-konvenut, konsistenti f'veloċità eċċessiva, u d-danni sofferti mill-attur, la darba dina l-veloċità ma kkontribwitx għall-inċident, dina l-konnessjoni teżisti biss in vista tal-ħtija ta' l-attur stess, b'mod li, jekk il-konvenut ikollu jbati xi parti mid-danni, ikun bati għall-ħtija mputabbli lill-attur, u dan m'għandux isir. Kien ikun għal kollox differenti l-każ kieku l-konvenut ikkontribwixxa **biex jiġri l-inċident**: dana apparti l-kwistjoni jekk veramen id-danni riportati mill-attur ġewx aggravati mħabba s-sewqan imprudenti tal-konvenut, liema fatt kien irid ikun ulterjorment investigat u aċċertat milli aċċettat, biex tgħid, hekk, bħala prinċipju. Hija r-responsabilità ta' l-inċident li għandha tiddetermina r-responsabilità tad-danni derivanti mill-istess inċident u f'dana s-sens il-Qorti tifhem is-sentenza ċitata fil-perizja, u dana tagħmlu fuq it-tagħlim ta' Laurent (Prinċipji di Diritto Civile — Vol. XX § 490) li jgħid li min isuq ma jkunx responsabbli "... nel solo caso in cui la imprudenza della vit-

tima è la sola causa dell'incidente" (naturalment b'riferenza mhux għall-awtonibbli iżda għall-vettura oħra) u tal-Bandry in tema ġenerali ta' risarċiment ta' danni (Delle Obbligazioni, Vol N l-aħħar paragrafu tal-§ 2881, paġ. 605).

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddikjara lill-konvenut mhux responsabbli tad-danni sofferti mill-attur, kif minn dan mitlub u konsegwentement tiċħad id-domandi ta' l-istess attur. In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, li jissuġġerixxu temperament fil-kap ta' l-ispejjeż, dawn jitħallsu mill-attur bl-eċċezzjoni tad-dritt u spejjeż tal-Perit Legali li jiġu sopportati bejn il-kontendenti nofs kull wieħed.